Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 357/2016

Il-Pulizja

Vs

Carmel Stafrace

Illum 12 ta' Lulju, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Carmel Stafrace detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 527965 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-28 ta' Dicembru, 2015 sas-7 ta' Mejju, 2016 fil-Gzejjer Maltin

1. Naqas milli jaghti lil Natalina Stafrace, is-somma, iffissata minn din il-Qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu w / martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Gunju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Carmel Stafrace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbin ta' htija, thassar u tirrevoka dik il-piena nflitta ghal wahda iktar idonea li tkun ekwa u gusta fic-cirkustanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggmvji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

- Illi l-piena ma tirrientrax fil-limiti li tipprefiggi l-ligi dan ghaliex l-istess artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 jifforma parti minn Taqsima III 'Fuq il-Kontravvenzjonijiet u l-Pieni - Titolu I 'Fuq il-Kontravvenjonijiet' tal-Kap 9 u ghalhekk ghandhom japplikaw ghalih il-pieni dwar il-kontravvenzjonijiet. Izjed minn hekk, l-istess artikolu 338 (z) jghamilha cara, *'Izda wkoll meta l-hati jkun recidiv f' kontravenzjoni taht dan il-paragrafu il-hati jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn thett xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerjja ghal zmien mhux izjed minn xahrejn.'* Dan ifisser li meta l- Qorti tal-

Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ssib persuna hatja taht din l-akkuza hi ghandha idejha marbuta li timponi biss dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa ossia d-detenzjoni, ammenda jew ic-canfira jew it-twiddiba u dan ai termini tal-artikolu 7 (2) tal-Kap 9, naturalment sakemm ma japplikax dan il-provvediment specjali hawn imsemmi. Fil-kaz odjern l-appellanti ma kienx recidiv w allura taht l-ebda cirkustanza l-Ewwel Qorti ma setghet timponi tliet xhur prigunerija fil-facilitajiet korrettivi ta' Kordin jew f' kull lok iehor li jikkwalifika bhala habs skond il-Ligijiet u r-regolamenti enforzabbli f' Malta.

- Illi, fl-umli fehma tal-appellant, meta l-Ewwel Qorti giet biex timponi l-piena, hija naqset li tikkonsidra li l-appellant ghadu kif sfortunatament hareg mill-habs u b' hekk jinsab f' impossbilita materjali li jhallas dik is-somma hekk mitluba. Illi zgur li piena karcerarja qatt ma tista tkun idonea biex twassal ghall-effetti riformattivi li tipprefiggi l-Ligi u dan ghaliex, meta persuna tkun ghada kif harget mill-habs terga immedjatament tintbghat il-habs minghajr ma tinghata possibilita' li thallas bil-mod, certament m' hijiex l-aqwa soluzzjoni, izda tinkoraggixxi iktar u iktar pieni karcerarji bl-effetti kollha li tali pieni jgibu maghhom.

Ikkunsidrat,

Illi llum seduta stante l-parte civile iddikjarat illi hija thallset il-manteniment kollu dovut f'din il-pendenza. Illi ghalkemm xorta wahda tirrizulta r-reita, madanakollu fid-dawl tac-cirkostanzi fejn il-partijiet issa ssorvolaw id-divergenzi ta' bejniehtom, hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima LL.D

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur